MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**EDWINA GRIMA**

Seduta ta' l-1 ta' Marzu, 2011

Numru. 216/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs**

**Alfred Mercieca bin Henry nu Rosaria nee' camilleri imwieled fl-10 ta' Marzu 1955 u residenti 12, Triq Mikielang Sapiano, Zebbug, Malta detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 196655(M)**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuza kontra 'l hawn fuq imsemmi Alfred Mercieca li gie akkuzat talli nhar il-05 ta' Jannar 2010 ghal habta ta' 08:45 fuq il-vapur tal-Gozo Channel M.V. Malita:

1. saq vettura DAC 189 b'majiera traskurata u perikoluza.
2. talli b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragini jew b'nuqqas tat-tharis tar-regolamenti hbatt ma' vettura bin-numru tar-

registrazzjoni BBL-603 u nvolontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi akkwiziti f’dina l-kawza jirrizulta minghajr l-icken dubbju illi dina l-kollizzjoni sehhet unikament tort ta’l-imputat li kien qieghed isuq trukk bin-numru ta’ registrazzjoni DAC189. Dana jirrizulta car kemm mill-iskizz ta’l-incident imhejji mill-Warden 248, kif ukoll mir-ritratti u l-footage tac-CCTV esebiet mill-prosekuzzjoni. Illi ghal xi raguni hekk kif it-trukk mar sabiex jaqla’ mill-posizzjoni stazzjonarja li kien fiha huwa kiser ghal fuq il-vettura BBL603. Jidher illi hekk kif is-sewwieq tal-vettura BBL603 beda jaqla’ bil-mod, l-imputat fittex saq malajr sabiex isuq qabblu u ma irrealizzax illi ir-roti tat-trukk kienu miksurin u ghalhekk hekk kif mar biex isuq it-trukk kiser ghal fuq il-vettura BBL603 u sehhet il-kollizzjoni. Jirrizulta ghalhekk minghajr l-icken dubbju illi l-imputat ma zammx dik il-proper lookout rikjesta mil-ligi u ghalhekk is-sewqan tieghu jammonta ghalk sewqan traskurat. Fil-fatt mill-footage tac-CCTV jidher car illi hekk kif l-imputat nizel mit-trukk tieghu u irealizza illi it-trukk kien milwi ghal fuq il-vettura l-ohra, huwa rega’ rikeb jigri fuq it-trukk u irriversja ftit u iddritta t-trukk. Xortawahda madanakollu it-trukk baqa’ xi ftit miksur tant illi meta sar l-iskizz mill-warden, l-istess warden innota dan il-fatt u mhux biss jindika fl-iskizz dina l-posizzjoni tat-trukk izda irrimarka fin-notamenti tieghu illi ir-rota tat-trukk kienet milwija lejn ix-xellug;

Madanakollu il-Qorti hija tal-fehma illi dana is-sewqan ma jammontax ghal xi sewqan perikoluz izda biss ghal sewqan traskurat;

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-artikolu 15(1)(a) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta’ Malta u l-artikolu 328(d) tal-

Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta issib lill-imputat hati ta’l-ewwel akkuza izda biss dwar sewqan traskurat, kif ukoll tat-tieni akkuza migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa komplessiva ta’ mija u hamsin ewro (€150).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------